MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2014

Numru. 1009/2013

**Artikoli 49, 50, 308, 309 u 310(b) tal-Kapitolu 9,**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**JASON MANUEL BRIFFA**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JASON MANUEL BRIFFA,** iben Gaetano Joseph u Aida Maria nee' Cunningham, imwieled 9 ta' Settembru, 1974, Awstralja, jghix Flat no. 2, Pine Valley, Triq Vidal, Ibragg, Swieqi u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 121193(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-12 ta' Ottubru 2013, f'San Giljan:

B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor.

Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel xi qliegh iehor b'qerq.

Akkuzat aktar talli f'dawn l-ahhar xhur naqas milli jhares wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), li bih inghata l-helsien mill-arrest.

Akkuzat aktar talli rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Akkuzat aktar talli kiser Ordni ta' Probation moghtija nhar it-13 ta' April 2011 mill-Magistrat Dr. E. Grima LL.D.

Il-Qorti hija gentilment mitluba biex tordna li kull somma li setghet kienet iddepozitata jew bhala garanzija personali tghaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom, okkorrenza li giet immarkata bhala Dok. TM, stqarrija tal-imputat li giet immarkata bhala Dok. TM 1, fedina penali li giet immarkata bhala Dok. TM 2, kunsens tal-Avukat Generali datat 14 ta' Ottubru, 2013 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja li gie mmarkat bhala Dok. TM 3 u estratt mill-att tat-twelid tal-imputat li gie mmarkat bhala Dok. TM 4.

Illi din il-kawza giet moghtija lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta' assenjazzjoni mis-Sinjurija Tieghu Prim Imhallef datat 21 ta' April, 2014.

Illi din il-kawza giet appuntata ghall-ewwel darba quddiemha kif preseduta ghad-29 ta' Mejju, 2014.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tas-sebgha (7) ta' Novembru 2014 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk ried, seta' rega' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tas-sebgha (7) ta' Novembru 2014.

Il-Qorti rat dak li xehdet Alberta Aquilina fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2013 u appuntu illi missier l-imputat hallasha s-somma ta' sitt mitt ewro (€600) ghas-saldu tal-pretensjonijiet taghha u li ma kellha l-ebda pretensjoni ulterjuri kontra tieghu u li effettivament kienet qed tahfer lill-imputat ghal dak li kien ghamel.

Rat ukoll pero' illi l-fedina penali tieghu hija wahda reflettarja u jidher illi l-imputat ma tghallimx mill-imghoddi tieghu u mill-opportunitajiet li gew moghtija lilu mill-Qorti sabiex jaqbad it-triq it-tajba u jzomm il-boghod mill-hajja kriminali u ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostanzi thoss illi l-piena idonea hija dik ta' prigunerija effettiva.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l- Artikoli 49, 50, 308, 309 u 310(b) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta, <u>il-Qorti</u>**

**<u>tiddikjara li ssib lill-imputat JASON MANUEL BRIFFA hati tal-akkuzi u tikkundannah piena karcerarja ta’ tmien (8) xhur prigunerija.</u>**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------